IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

21 ta' Marzu 2016

## BIJOGRAFIJA TAL-ARĊISQOF EMERITU ĠUŻEPPI MERCIECA

Mons. Ġużeppi Mercieca, B.A. (Lond.), S.Th.D.,(Greg), J.U.D.(Lat.), twieled ir-Rabat, Għawdex, fit-12 ta' Novembru 1928; studja fis-Seminarju ta' Għawdex, wara kompla l-istudji tiegħu f'Ruma u ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Marzu 1952. Mill-1959 sal-1969 kien Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex, sakemm fl-1969 ġie nominat imħallef tas-Sacra Romana Rota; kien ukoll konsultur tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti u tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi. Fis-27 ta' Lulju 1974 ġie nominat awżiljarju ta' Mons. Michael Gonzi u ordnat isqof titulari ta' Gemelle fin-Numidja fid-29 ta' Settembru tal-istess sena. Kien Vigarju Ġenerali sa meta ġie nnominat Arċisqof ta' Malta fid-29 ta' Novembru 1976. Ħa l-pussess ta' Arċisqof fit-12 ta' Diċembru 1976 u ġie nominat konsultur tas-Sacra Romana Rota fl-1992 u aktar tard imħallef fis-Segnatura Apostolica. Fil-11 ta' Novembru 2003, Monsinjur Arċisqof offra lill-Qdusija Tiegħu l-Papa r-riżenja tiegħu minn Arċisqof ta' Malta, skond kif titlob il-liġi tal-Knisja dwar l-Isqfijiet Djoċesani li jilħqu l-eta ta' 75 sena. Huwa rtira minn Arċisqof fit-2 ta' Diċembru 2006, fl-eta ta' 78 sena, wara n-nomina tal-Arċisqof il-ġdid, Mons. Pawlu Cremona O.P.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**